**L.S … of 2025**

**L-ATT DWAR L-AWTORITÀ TAL-ISTANDARDS GĦALL-PERSUNI ANZJANI (KAP. 640)**

**Regolamenti dwar *Standards* Regolatorji għal Servizzi ta' Ċentri ta' Kura ta' Matul il-Jum 2025**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 45 tal-Att dwar l-Awtorità tal-Istandards għall-Persuni Anzjani, il-Ministeru għas-Saħħa u Anzjanità Attiva għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin: -

Titolu.

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti dwar l-Istandards Regolatorji għal Servizzi ta' ta' Ċentri ta' Kura ta' Matul il-Jum.

Skop.
Kap. 640

**2.** Dawn ir-regolamenti, permezz tal-Iskeda, jelevaw -Istandards Regolatorji għal Servizzi ta' ta' Ċentri ta' Kura ta' Matul il-Jum, għal status ta' liġi sussidjarja taħt l-Att dwar l-Awtorità tal-Istandards għall-Persuni Anzjani.

Tifsir.

**3.** F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliemma teħtieġx xort'oħra:

Kap. 640.
"Att" tfisser l- Att dwar l-Awtorità tal-Istandards għall-Persuni Anzjani;

Kap. 640.

"spazju adattat għal persuni anzjani" tfisser spazju li jippromwovi anzjanità sana u attiva u li huwa ħieles minn ostakoli fiżiċi u soċjali, li jgħin lill-persuni anzjani jżommu l-kapaċità fiżika u mentali tagħhom u jippermettilhom li jkomplu jagħmlu l-affarijiet li japprezzaw;

"l-Awtorità" tfisser l-Awtorità tal-Istandards għall-Persuni Anzjani kif stabbilita permezz tal-Att XXXVIII ta' 2023, l-Att dwar Awtorità tal-Istandard*s* għall-Persuni Anzjani;

"persuna kompetenti" tfisser persuna li hija rikonoxxuta bħala kapaċi u, jew awtorizzata li twettaq attivitajiet speċifiċiskont il-leġislazzjoni nazzjonali, *standards* jew direttivi maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti;

"ċentru ta' kura matul il-jum" ifisser faċilità mfassla biex tipprovdi kura u kumpanija lil persuni anzjani li jeħtieġu assistenza jew superviżjoni matul il-ġurnata. Dawn iċ-ċentri joffru ambjent sigur, protett, ta' appoġġ u stimulanti li jippermetti lill-anzjani jieħdu sehem f'attivitajiet soċjali, fiżiċi u konjittivi, ħarġiet rikreattivi u laqgħat, filwaqt li jirċievu l-kura meħtieġa. Jipprovdu wkoll appoġġ emozzjonali għall-benesseri mentali u fiżiku tagħhom;

"faċilità" tfisser il-binja li minnha qed jiġi pprovdut is-servizz ta' ċentru ta' kura ta' matul il-jum, u li nbniet apposta, jew ġiet adattata biex tipprovdi servizzi lil persuni anzjani. Għandha tkun ir-responsabbiltà tal-fornitur tas-servizz li jiżgura li jiġu ssodisfati kwalunkwe obbligi rigward il-faċilità, inkluż każijiet fejn il-binja ma tkunx proprjetà tal-fornitur tas-servizz;

"servizz ta' kura ġerjatrika" tfisser qasam speċjalizzat li jittratta l-kura tas-saħħa, l-aspetti soċjali, u l-bżonnijiet preventivi ta' persuni anzjani, kemm fi stat ta' saħħa kif ukoll ta' mard. Servizzi ġerjatriċi jinkludu l-valutazzjoni, it-trattament u l-kura fuq żmien qasir u fit-tul għal persuni anzjani b'kundizzjonijiet fiżiċi, indeboliment konjittiv/dimenzja, jew bi bżonnijiet ta' appoġġ funzjonali. Dawn is-servizzi normalment jingħataw minn timijiet multidixxiplinari ta' professjonisti tas-saħħa bi kwalifiki speċifiċi u/jew b'esperjenza fil-proċessi ta' mard u korrimenti f'persuni anzjani;

"valutazzjoni ħolistika" tfisser il-proċess li bih jiġu identifikati l-ħtiġijiet tal-utenti tas-servizz waqt li jagħmlu użu miċ-ċentru ta' kura ta' matul il-jum, filwaqt li jitqiesu s-saħħa u l-bżonnijiet personali, soċjali u emozzjonali tagħhom;

"rappreżentant indipendenti" tfisser persuna li hija indipendenti minn kwalunkwe aspett tas-servizz u minn kull aġenzija involuta fil-provvista tas-servizz, li taħdem f'isem l-utent tas-servizz li jagħmel użu mis-servizz jew fl-interess tiegħu. Ir-rappreżentant iwettaq dan ix-xogħol wara li jkun ġie nominat biex jagħmel dan mill-utent tas-servizz li f'ismu l-imsemmi rappreżentant qed jaġixxi, jew kif stipulat bil-liġi, bħal fil-każ ta' kustodja;

"maniġment" tfisser persuni li jaġixxu f'isem il-fornitur tas-servizz biex jipprovdu tmexxija lill-i*staff* u biex jissorveljaw u jikkontrollaw il-funzjonament xieraq tas-servizzi offruti lill-utenti tas-servizz;

"persuna anzjana" tfisser persuna 'l fuq minn sittin sena;

"indikatur ta' prestazzjoni" tfisser azzjoni indikattiva, iżda mhux eżawrjenti, li l-fornitur tas-servizz għandu jieħu sabiex ikun konformi mal-Indikatur ta' Kwalità assoċjat. L-Awtorità tista' temenda dawn fi kwalunkwe ħin u tista' wkoll toħroġ rakkomandazzjonijiet addizzjonali lill-fornitur tas-servizz jekk jiġu osservati xi prattiki li jmorru kontra l-Indikatur ta' Kwalità;

"politiki u proċeduri" tfisser dokumenti maħruġa mill-maniġment li jirregolaw kif is-servizz għandu jopera;

"utent prospettiv tas-servizz" tfisser persuna anzjana li qed tikkunsidra jekk tidħol fi ftehim ma' fornitur tas-servizz biex tagħmel użu mis-servizzi offruti mill-fornitur tas-servizz;

"indikatur ta' kwalità" tfisser stqarrija li tistabbilixxi r-rekwiżiti biex tinkiseb konformità ma' *Standard* partikolari. L-Awtorità tista' toħroġ indikaturi ta' prestazzjoni biex iservu bħala linji gwida iżda hija r-responsabbiltà tal-fornitur tas-servizz li jiżgura li s-servizz liċenzjat jopera skont il-prinċipji stipulati fl-Indikatur ta' Kwalità;

"valutazzjoni tar-riskju" tfisser il-proċess ta' valutazzjoni tal-probabilità ta' effetti negattivi fuq is-sigurtà u s-saħħa tal-utenti tas-servizz, tal-i*staff* u ta' terzi persuni minn perikli jew in-nuqqas ta' influwenzi ta' benefiċċju. Huwa eżami sistematiku tal-aspetti kollha ta' faċilità li jqis x'jista' jikkawża korriment jew ħsara; jekk il-perikli jistgħux jiġu eliminati jew inkella, x'miżuri preventivi jew protettivi hemm, jew għandhom jidħlu fis-seħħ biex jikkontrollaw ir-riskji;

"ftehim tas-servizz" tfisser ftehim bil-miktub bejn l-utent tas-servizz u l-fornitur tas-servizz li jistabbilixxi, fost affarijiet oħra, is-servizzi li għandhom jiġu pprovduti, ħlasijiet u tariffi assoċjati, jekk ikun hemm, u t-termini u l-kundizzjonijiet u d-drittijiet u r-responsabbiltajiet taż-żewġ partijiet;

"fornitur tas-servizz" tfisser persuna jew organizzazzjoni li tipprovdi u topera servizz ta' ċentru ta' kura ta' matul il-jum għal persuni anzjani li jinkldu dawk li jgħixu bid-demenzja. Fejn kwalunkwe aspett tas-servizz, inkluż l-i*staff* jew il-binja, jiġi esternalizzat jew sottokuntrattat, ir-responsabbiltà aħħarija biex jiġi żgurat li r-rekwiżiti kollha ta' dawn l-Istandard*s* Soċjali Regolatorji jiġu ssodisfati għandha tkun tal-fornitur tas-servizz, anke meta s-servizzi jiġu pprovduti minn aġenzija esterna;

"utent tas-servizz" tfisser persuna anzjana li tidħol fi ftehim mal-fornitur tas-servizz biex il-persuna anzjana tagħmel użu miċ-ċentru ta' kura ta' matul il-jum;

"servizzi ta' sapport speċjalizzati" tfisser servizzi li normalment ikunu meħtieġa minn individwi jew gruppi li jippreżentaw ħtiġijiet kumplessi u li jistgħu jkunu f'riskju huma stess jew jistgħu jkunu ta' riskju għal ħaddieħor. Is-servizzi speċjalizzati huma ġeneralment rakkomandati meta s-servizzi ġeneriċi jkunu insuffiċjenti biex jakkomodaw il-ħtiġijiet identifikati tal-utent tas-servizz;

"*staff*" tfisser persuna ingaġġata mill-fornitur tas-servizz fejn waħda mir-responsabbiltajiet tal-persuna hija li tipprovdi lill-utenti tas-servizz b'appoġġ, kura soċjali u/jew kura tas-saħħa. Il-membri tal-i*staff* jistgħu wkoll jassumu dmirijiet amministrattivi simultanjament mal-irwoli tagħhom ta' appoġġ. Membri tal-i*staff* li jaħdmu fl-amministrattiv ta' organizzazzjoni, jew ċentru għandhom jissorveljaw l-ippjanar u l-implimentazzjoni ta' pjanijiet u azzjonijiet organizzattivi u l-infurzar ta' regoli u proċeduri. Ir-rekwiżiti kollha relatati mal-i*staff* f'dawn l-Istandard*s* Regolatorji għandhom japplikaw irrispettivament minn jekk il-persuna hijiex ikkumpensata jew kif hija kkumpensata, jew jekk il-persuna hijiex impjegata b'mod dirett mill-fornitur tas-servizz jew permezz ta' entità oħra;

"voluntier" tfisser membru tal-i*staff* li qed joffri s-servizzi tiegħu fiċ-ċentru ta' kura ta' matul il-jum mingħajr ma jiġi kkumpensat finanzjarjament. Tali persuni għandhom jitqiesu bħala membri tal-i*staff*, u kull referenza għal "*staff*" f'dawn l-Istandards Regolatorji għandha tinkludi wkoll il-voluntiera.

**SKEDA**
**(Regolament 2)**

***Standard* 1: Id-Drittijiet tal-Utenti tas-Servizz**

**Stqarrija tal-Istandard:**

Dan l-Istandard jistabbilixxi d-drittijiet ewlenin assoċjati mal-użu taċ-ċentru ta' kura ta' matul il-jum minn persuni anzjani. Il-persuni anzjani li jattendu ċentri ta' kura ta' matul il-jum għandhom jiġu ttrattati b'rispett, għandhom iżommu l-awtonomija tagħhom u għandhom jingħataw l-informazzjoni kollha meħtieġa relatata mal-użu tagħhom taċ-ċentru ta' kura ta' matul il-jum.

**Indikaturi ta' Kwalità:**

1. Il-Bidu u l-Waqfien tal-Użu tas-Servizz:

   Il-fornitur tas-servizz għandu jipprovdi lill-utenti prospettivi tas-servizz b'informazzjoni ċara dwar is-servizz fl-istadju tal-applikazzjoni biex jgħinhom jieħdu deċiżjonijiet dwar jekk jixtiqux jagħmlu użu mis-servizzi taċ-ċentru ta' kura ta' matul il-jum, inkluż iżda mhux limitata għal, informazzjoni bil-miktub dwar is-servizz, laqgħa ta' informazzjoni jew telefonata, u żjara fis-servizz. L-utenti prospettivi tas-servizz għandhom jiddeċiedu b'mod liberu jekk jixtiqux jagħmlu użu miċ-ċentru ta' kura ta' matul il-jum jew le, u jistgħu jagħżlu li jieqfu jattendu fi kwalunkwe ħin.

2. Awtonomija u Dinjità:

   Il-fornitur tas-servizz għandu jirrispetta l-awtonomija, il-privatezza u d-dinjità tal-utent tas-servizz f'kull ħin. L-ebda utent tas-servizz ma għandu jiġi ttrattat b'nuqqas ta' rispett jew diskriminat, fuq kwalunkwe bażi. Il-fornitur tas-servizz għandu jinvestiga kwalunkwe allegazzjonijiet ta' diskriminazzjoni li jinġiebu għall-attenzjoni tal-maniġment jew l-istaff u għandu jieħu kwalunkwe azzjoni ta' rimedju meħtieġa biex jissalvagwardja l-interessi tal-utenti tas-servizz.

3. Komunikazzjoni:

   Il-fornitur tas-servizz għandu jżomm komunikazzjoni mal-utenti kollha tas-servizz billi juża l-mezz ta' komunikazzjoni preferut tal-utent tas-servizz, inkluż l-użu tal-Malti jew tal-Ingliż skont il-preferenza tiegħu, u għandu jżommhom infurmati b'kull aġġornament fis-servizz. Il-komunikazzjoni kollha bejn l-istaff u l-utenti tas-servizz għandha tkun xierqa, rispettuża u mhux patronizzanti.

4. Legali:

   Il-fornitur tas-servizz għandu jippermetti lil kull utent tas-servizz jinnomina persuna bħala rappreżentant indipendenti biex jaġixxi għalih jew fl-interessi tiegħu. Il-fornitur tas-servizz għandu jiżgura wkoll li d-drittijiet legali tal-utenti tas-servizz jiġu rrispettati u li ma jittieħed l-ebda vantaġġ mill-finanzi jew l-affarijiet tagħhom.

## *Standard* 2: Informazzjoni Personali

**Stqarrija tal-Istandard:**

Dan l-Istandard jistabbilixxi r-rekwiżiti minimi rigward l-informazzjoni ewlenija li għandha tinġabar u tinżamm dwar l-utenti tas-servizz, u kif din l-informazzjoni għandha tintuża.

**Indikaturi ta' Kwalità:**

1. Valutazzjoni inizjali:

Għandha titwettaq valutazzjoni inizjali u ħolistika biex jiġu stabbiliti l-ħtiġijiet ta' kura u appoġġ ta' utent ġdid tas-servizz u jiġi żgurat li jibbenefika mis-servizz taċ-ċentru ta' kura ta' matul il-jum qabel ma jiġi aċċettat. L-istaff kollu għandu jkun konxju tal-ħtiġijiet li jistgħu jaffettwaw l-użu ta' kuljum tas-servizz tal-persuna u kwalunkwe appoġġ addizzjonali li jista' jkun meħtieġ.

2. Iż-żamma ta' informazzjoni dwar l-utent tas-servizz:

Il-fornitur tas-servizz għandu jżomm rekord tal-informazzjoni ewlenija rigward l-utenti tas-servizz. Informazzjoni li tista' tkun meħtieġa b'mod urġenti, bħal informazzjoni dwar allerġiji u intolleranzi u d-dettalji ta' kuntatt ta' emerġenza, għandha tkun faċilment aċċessibbli għall-istaff li jista' jeħtieġ din l-informazzjoni sabiex jipprovdi appoġġ sikur u fil-ħin.

## *Standard* 3: Il-Kura tas-Saħħa u l-Kura Soċjali

**Stqarrija tal-Istandard:**

Dan l-Istandard jistabbilixxi l-azzjonijiet li għandhom jittieħdu mill-fornitur tas-servizz biex jipproteġi l-benesseri tal-utenti tas-servizz u jippromwovi l-persuni anzjani filwaqt li jagħmlu użu miċ-ċentru ta' kura ta' matul il-jum.

**Indikaturi ta' Kwalità:**

1. Ikel u xorb:

Il-fornitur tas-servizz għandu jiżgura li fejn l-utenti tas-servizz jikkunsmaw l-ikel fil-binja, ikunu stabbiliti politiki u proċeduri biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-utenti tas-servizz. Il-fornituri tas-servizz huma meħtieġa li jiżguraw aċċess għax-xorb fil-binja. L-ikel ipprovdut mill-fornitur tas-servizz għandu jissodisfa l-ħtiġijiet tad-dieta tal-utenti tas-servizz, inkluż li jiġu evitati l-allerġeni.

2. Attivitajiet:

Il-fornitur tas-servizz għandu jiżgura li l-programmi ta' attività għas-servizzi taċ-ċentru ta' kura ta' matul il-jum għandhom ikunu varjati u strutturati madwar il-provvediment ta' opportunitajiet għal attivitajiet sinifikanti li jirriflettu l-interessi tal-utenti tas-servizz.

3. Imġiba diffiċli:

Il-fornitur tas-servizz għandu jimmaniġġja s-sintomi ta' mġiba u s-sintomi fiżiċi assoċjati mad-dimensja, inkluża kwalunkwe imġiba diffiċli, mingħajr il-ħtieġa ta' kura restrittiva ħlief

bħala l-aħħar rimedju sabiex tiġi evitata ħsara lill-utent tas-servizz jew lil kwalunkwe persuna oħra. Kull użu ta' kura restrittiva għandu jsir biss bil-kunsens tar-rappreżentant maħtur legalment tal-utent tas-servizz, u l-fornitur tas-servizz huwa marbut jiżgura li tali użu jitwettaq b'mod sigur u f'konformità mad-dispożizzjonijiet kollha tal-leġiżlazzjoni Maltija.

Commented [BV1]: The MLT Translation for Day Care Centres is not present this statement.

4. Interazzjoni soċjali:

   Il-fornitur tas-servizz għandu jiżgura li minbarra l-attivitajiet rikreattivi, l-utenti tas-servizz ikollhom opportunitajiet biex jissoċjalizzaw bejniethom waqt li jagħmlu użu mis-servizz, u għandu jħeġġiġhom jibnu relazzjonijiet barra miċ-ċentru ta' kura ta' matul il-jum jekk ikun xieraq.

5. Sapport għall-benesseri:

   Il-fornitur tas-servizz għandu jippromwovi u jappoġġja s-saħħa u l-benesseri tal-utent tas-servizz, inkluż attenzjoni immedjata għal kwalunkwe mard jew korriment imġarrab waqt li jattendi ċ-ċentru ta' kura ta' matul il-jum, u assistenza fil-mobbiltà, mingħajr ma jinqabżu l-limiti tal-kompetenza tal-istaff. It-tħassib kollu għandu jiġi rrapportat lill-maniġment, li huwa meħtieġ li jimmonitorja s-sitwazzjoni u jieħu kwalunkwe azzjoni li tista' tkun meħtieġa biex jissalvagwardja lill-utent tas-servizz.

6. Riferiment jekk jiġi osservat xi tħassib:

   Il-maniġment u l-istaff għandhom ikunu viġilanti għal bidliet fil-ħtiġijiet tal-utenti tas-servizz, u għandhom jidderieġu lill-utent tas-servizz lejn servizzi li jistgħu jkunu kapaċi jipprovdu valutazzjoni jew appoġġ lil hinn minn dak li jista' jiġi pprovdut miċ-ċentru ta' kura ta' matul il-jum.

## *Standard* 4: Protezzjoni u Salvagwardja

### Stqarrija tal-Istandard:

Dan l-Istandard jistabbilixxi r-responsabbiltajiet tal-fornitur tas-servizz fir-rigward tas-sigurtà tal-utenti tas-servizz, inkluż il-provvediment ta' binja sikura, strutturalment soda, ivvalutata għar-riskju u assigurata b'mod adegwat, u l-implimentazzjoni ta' proċeduri biex jipproteġu kontra kwalunkwe allegazzjonijiet ta' abbuż jew servizz ta' kwalità ħażina u jaġixxu fuqhom. Għandha tibqa' r-responsabbiltà aħħarija tal-maniġment li jiżgura s-sikurezza u s-sigurtà tal-utenti kollha tas-servizz f'kull ħin.

### Indikaturi ta' Kwalità:

1. Binja sikura, nadifa u aċċessibbli:

   Il-fornitur tas-servizz għandu jiżgura li kwalunkwe faċilitajiet li minnhom jiġi pprovdut is-servizz ikunu iġjeniċi u ċċertifikati minn persuni kompetenti bħala sikuri għall-utenti kollha tas-servizz, mingħajr perikli/riskji u konformi mar-rekwiżiti regolatorji applikabbli kollha. Dan għandu jinkludi t-tħejjija ta' valutazzjoni tar-riskju u kopertura ta' assigurazzjoni komprensiva.

2. Il-ħarsien tas-saħħa u l-benesseri tal-utent tas-servizz:

Il-fornitur tas-servizz għandu jiżgura li s-saħħa, is-sigurtà u l-benesseri tal-utenti tas-servizz ikunu ssalvagwardjati f'kull ħin, inkluż il-privatezza, is-sigurtà fiżika u l-benesseri emozzjonali tagħhom, u li kwalunkwe inċidenti li jaffettwaw is-saħħa u s-sigurtà tagħhom jiġu rrappurtati b'mod immedjat.

3. Responsabbiltà ġenerali:

Il-persuna jew l-entità li f'isimha tinħareġ il-liċenzja mill-Awtorità għandha tkun responsabbli biex tiżgura li l-aspetti kollha tas-servizz, inkluż il-binja minn fejn jiġi pprovdut, ikunu konformi mar-rekwiżiti kollha stabbiliti f'dawn l-Istandards Regolatorji għal Pesuni Anzjani, irrispettivament minn kwalunkwe servizzi esternalizzati jew sottokuntrattati, u tas-sjieda aħħarija tal-binja.

4. Protezzjoni mill-abbuż:

Il-fornitur tas-servizz għandu joħloq ambjent fejn l-utenti tas-servizz iħossuhom sikuri u fejn ikunu ħielsa minn kwalunkwe abbuż, sfruttament jew negliġenza. Azzjoni korrettiva, inkluż l-involviment proattiv tal-awtoritajiet kompetenti, għandha tittieħed fl-allegazzjonijiet kollha jew suspetti ta' abbuż.

5. Ilmenti:

Il-fornitur tas-servizz għandu jiżgura li l-utenti tas-servizz u l-qraba tagħhom u, fejn applikabbli, ir-rappreżentant indipendenti tagħhom ikunu konxji tal-proċeduri tal-fornitur tas-servizz biex iqajmu tħassib u lmenti. L-utenti tas-servizz u, fejn applikabbli, ir-rappreżentant indipendenti tagħhom, għandhom ikunu kunfidenti li se jkunu mismugħa, li t-tħassib tagħhom se jiġi ttrattat b'mod sensittiv u kunfidenzjali u li tittieħed azzjoni dwaru. Għandhom ikunu infurmati wkoll bir-riżultat ta' kwalunkwe ilmenti fil-ħin.

6. Imġiba diffiċli u kura restrittiva:

Il-fornitur tas-servizz għandu jiżgura li s-servizz jillimita l-użu ta' kura restrittiva, billi jintuża biss meta ma jkun hemm l-ebda alternattiva disponibbli biex tiġi protetta s-sigurtà tal-utenti tas-servizz. L-episodji ta' imġiba diffiċli għandhom jiġu mmaniġġjati billi jiġu applikati strateġiji alternattivi, u l-kura restrittiva għandha tintuża biss bħala l-aħħar rimedju.

7. Kuntatt mal-Awtorità:

Il-fornitur tas-servizz għandu jżomm komunikazzjoni mal-Awtorità fl-interess tas-sigurtà tal-utenti tas-servizz, u għandu jżomm lill-Awtorità infurmata rigward kwalunkwe tibdil fis-servizz. L-aċċess għall-Awtorità għandu jkun iffaċilitat ukoll għall-utenti tas-servizz u, fejn applikabbli, ir-rappreżentant indipendenti tagħhom.

*Standard* **5: L-Ambjent Fiżiku**

**Stqarrija tal-Istandard:**

Dan l-Istandard jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-binja li fiha jiġi pprovdut is-servizz taċ-ċentru ta' kura ta' matul il-jum. Minbarra li jkun sikur u strutturalment sod, il-bini għandu jkun fiżikament aċċessibbli u kbir biżżejjed biex jakkomoda b'mod komdu lill-utenti tas-servizz li jattendu u jospita l-attivitajiet ippjanati.

**Indikaturi ta' Kwalità:**

1. Tqassim:

Is-servizz taċ-ċentru ta' kura ta' matul il-jum għandu jiġi pprovdut minn binja li tkun konvenjenti i aċċessibbli għall-utenti tas-servizz, miżmuma tajjeb, imdawla u ventilata b'mod adegwat u spazjuża biżżejjed biex takkomoda b'mod komdu lill-utenti kollha tas-servizz li jattendu. Is-servizzi għandhom jipprovdu, mill-inqas, żona li tista' tintuża għas-soċjalizzazzjoni u għall-attivitajiet, postijiet bilqiegħda, żona għall-preparazzjoni tal-ikel, u uffiċċju separat għall-istaff.

2. Oġġetti disponibbli, dekorazzjoni:

Iċ-ċentru ta' kura ta' matul il-jum għandu jipprovdi spazju akkoljenti u li huwa adattat għal persuni anzjani, b'faċilitajiet adattati għall-attivitjiet li qed jiġu pprovduti u xierqa għall-persuni anzjani.

3. Ambjent adattat għad-dimenzja:

Iċ-ċentru ta' kura ta' matul il-jum għandu jipprovdi spazju akkoljenti u li huwa adattat għal persuni anzjani, b'faċilitajiet adattati għall-attivitjiet li qed jiġu pprovduti u xierqa għall-persuni anzjani.

*Standard* **6: Il-Provvista tas-Servizz**

**Stqarrija tal-Istandard:**

Dan l-Istandard jiżgura li s-servizz taċ-ċentru ta' kura ta' matul il-jum jopera b'mod ġust u trasparenti, mingħajr ma jpoġġi pressjoni finanzjarja bla bżonn fuq l-utenti tas-servizz. Bħala parti minn dan, l-utenti kollha tas-servizz għandhom jingħataw ftehim tas-servizz li jistabbilixxi b'mod ċar id-drittijiet, l-ispejjeż u l-obbligi kollha involuti meta jagħmlu użu miċ-ċentru ta' kura ta' matul il-jum.

**Indikaturi ta' Kwalità:**

1. Ftehim tas-servizz:

   Il-fornitur tas-servizz għandu jiżgura li l-utent tas-servizz jingħata informazzjoni rigward kwalunkwe spejjeż, kundizzjonijiet u obbligi assoċjati mal-użu taċ-ċentru ta' kura ta' matul il-jum. L-utent tas-servizz għandu jkun meħtieġ li jiffirma ftehim tas-servizz bil-miktub li jindika l-aċċettazzjoni tiegħu ta' dawn il-kundizzjonijiet u għandu jiġi pprovdut b'kopja.

Kwalunkwe tibdil f'dan il-ftehim għandu wkoll jiġi ddokumentat u ffirmat mill-fornitur tas-servizz u l-utent tas-servizz.

2. L-operazzjonijiet tas-servizz:

   Il-fornitur tas-servizz għandu jiżgura li fejn id-domanda għas-servizz tkun akbar min-numru ta' spazji disponibbli, għandha tiġi stabbilita lista ta' stennija għall-utenti prospettivi tas-servizz, u jista' jużа roster biex jakkomoda n-numru massimu possibbli ta' utenti tas-servizz. L-utenti prospettivi tas-servizz għandhom ikunu konxji tal-kriterji ta' eliġibilità tas-servizz u, jekk l-applikazzjoni tagħhom tiġi rrifjutata, għandhom jingħataw ġustifikazzjoni għar-rifjut.

3. Finanzi:

   Il-fornitur tas-servizz għandu jkun konxju li l-utenti tas-servizz jista' jkollhom mezzi finanzjarji limitati u għandu jżomm l-użu tas-servizz affordabbli. Fejn jiġu organizzati ħarġiet, l-utenti tas-servizz għandhom jiġu kkonsultati b'mod sensittiv rigward dak li jkun affordabbli, u ma għandhomx jiġu sfurzati biex jattendu jew jissussidjaw l-attendenza ta' ħaddieħor.

4. Rekords:

   Il-fornitur tas-servizz għandu jżomm rekords iddettaljati rigward l-operazzjonijiet tas-servizz, f'konformità mal-leġiżlazzjoni rilevanti. L-utenti tas-servizz, jew ir-rappreżentant indipendenti tagħhom, għandhom jingħataw aċċess għall-informazzjoni personali tagħhom fuq talba.

5. Interruzzjonijiet:

   Il-fornitur tas-servizz għandu jgħarraf lill-utenti tas-servizz u lill-Awtorità dwar kwalunkwe għeluq ippjanat minn qabel. Il-fornitur tas-servizz għandu jiżviluppa wkoll pjanijiet ta' kontinġenza li għandhom jimminimizzaw il-probabilità ta' kwalunkwe interruzzjonijiet fis-servizz.

### ***Standard* 7: L-Immaniġġjar tal-Kwalità tas-Servizz**

#### Stqarrija tal-Istandard:

Dan l-Istandard jiżgura li ċ-ċentru ta' kura ta' matul il-jum jkun ġestit u jkollu staff kompost minn persuni li huma mħarrġa b'mod adegwat u li l-adattabilità tagħhom biex jaħdmu ma' persuni anzjani tkun ġiet ivverifikata. Iċ-ċentru ta' kura ta' matul il-jum għandu jopera għal standards għoljin ta' kwalità u għandu jiddokumenta l-proċeduri u l-azzjonijiet kollha li jittieħdu biex jippromwovi l-kwalità tas-servizz.

#### Indikaturi ta' Kwalità:

1. Maniġment:

Il-fornitur tas-servizz għandu jaħtar persuna biex tissorvelja l-operazzjonijiet taċ-ċentru ta' kura ta' matul il-jum b'mod effettiv fuq bażi ta' kuljum u li għandha tieħu r-responsabbiltà għall-kwalità tas-servizz ipprovdut u għall-benesseri tal-utenti tas-servizz.

2. L-assigurar tal-kwalità tas-servizz:

Il-fornitur tas-servizz għandu jiżgura li l-proċeduri u l-operazzjonijiet taċ-ċentru ta' kura ta' matul il-jum jkunu ddokumentati u li jiġu żviluppati u implimentati pjanijiet ċari għat-titjib fil-kwalità tas-servizz, filwaqt li jitqiesu l-opinjonijiet tal-partijiet interessati kollha.

3. Rekwiżiti għall-istaff:

Il-fornitur tas-servizz għandu jiżgura li l-kompetenza u l-adattabilità tal-membri l-ġodda kollha tal-istaff, inkluż kwalunkwe voluntiera, jiġu vvalutati, inkluż il-kontrolli tal-identità u l-kondotta tal-pulizija u l-verifika tal-kwalifiki u t-taħriġ. Il-fornitur tas-servizz għandu jiżgura li l-istaff jiġi pprovdut b'induzzjoni inizjali, inkluż is-superviżjoni, li matulha għandhom jiġu vvalutati l-ħiliet u l-kapaċità tagħhom li jaħdmu ma' persuni anzjani.

4. Taħriġ għall-istaff:

Il-fornitur tas-servizz għandu jiżgura li l-istaff ikun imħarreġ u ssorveljat b'mod adegwat u li jkun kompetenti biex iwettaq il-kompiti assenjati lilu.

5. L-istaff:

Il-fornitur tas-servizz għandu jiżgura li s-servizz ikollu staff adegwat skont in-numru ta' utenti tas-servizz li jattendu, filwaqt li jqis il-livell ta' dipendenza tagħhom u l-attivitajiet ippjanati.